**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Marzu 2021**

**<u>Rikors nru: 282/2019 AGV</u>**

**ABC**

**Vs**

**DE**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors guramentat ta' ABC datat 19 ta' Dicembru 2019, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat:-**

1, Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni minn liema twieled l-minuri FEC li twieled nhar is- 6 ta' Awwissu 2012 ( ara certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. A);

**1.** Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet sfaxxat u l-partijiet sussegwentement intavolaw proceduri ta' medjazzjoni sabiex jirregolaw dak kollu li jispetta l-minuri;

**2.** Illi l-partijiet ma waslux ghal ftehim bonarju fuq il-kura u kustodja tal-minuri u r-residenza tal-minuri;

**3.** Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati sabiex jipprocedu b' kawza f'din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 1 ta' Novembu 2019 ( ara Dok B);

**4.** Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment.

Ighid ghalhekk il-konvenut ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m' ghandhix:-

1. Tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri FEC f'idejn l-esponenti u tawtorizzaha sabiex tiehu kwalunkwe decizjonijiet relatati mal-hrug tal-passporti, mas-safar, mas-sahha u edukazzjoni tal-imsemmija minuri u dan kif ser jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

2. Tordna li l-imsemmi minuri tirrisjedi mal-esponenti;

3. Taffida u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut ghall-minuri, u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-msemmi tifla taghlaq l-eta' ta' 18-il sena, u jekk tieqaf mill-iskola u tibda' tahdem bi qligh jew sa 23 sena jekk il-minuri tiddeciedi li tibqa' tistudja;

4. Kif ukoll tordna li dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut, mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju li qed jippercepixxi l-konvenut, u jigu depozitati f' kont

bankarju indikat mill-esponenti u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u awmentat kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja;

5. Tordna li l-imsemmi manteniment jkopri l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni u attivitajiet extra kurrikulari tal-minuri;

6. Taghti dawn il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri. Fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar u hrug tal-passport tal-minuri, b' dan li l-passaport ghandu jinzamm mill-esponenti kif ukoll dwar l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet familjari u edukattivi ohra u extra kurrikulari, u dan taht kull provvediment xieraq u opporun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti;

7. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kollha kontra l-konvenut, li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata ta' DE datata 29 ta' Jannar 2020 fejn eccepixxa bir-rispett** :-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba is-segwenti ragunijiet:-

1. Illi l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tibqa' fdata esklussivament f'idejn l-esponenti u dan kif kien gie deciz mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja,

fid-digriet taghha tat-8 ta' Jannar 2018, li kopja tieghu qed tigi hawn anessa u mmarkata Dok. A u dan fl-ahjar interess tal-minuri;

2. Illi ukoll l-minuri ghandu jibqa' jirrisjedi flimkien mal-missieri, salv kull access ghall-omm, u dan kif ilu jaghmel sa mit-8 ta' Jannar 2018 wara digriet ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta u dan fl-ahjar interess tal-minuri.

3. Illi din il-Qorti diversament preseduta gieli gharfet illi l-omm ma hix idoneja sabiex ikollha l-kura u l-kustodja tal-minuri, kif ukoll sabiex il-minuri jirrisjedi maghha u dan minhabba numru ta' incidenti li nqalghu fil-passat mal-ex sieheb tal-omm, ossjia GH kif ukoll minhabba ragunijiet ohrajn u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi gia' la darba l-minuri ghandu jirrisjedi mal-missier, mela l-ebda manteniment ma ghandu jkun dovut lilhom, anzi hija l-omm li ghandha thallas il-manteniment lill-missier.

5. Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-5 ta' Awwissu 2016, li kopja taghha qed tigi hawn anessa u mmarkata Dok. B , GH li kien is-sieheb tal-omm kien instab hati li ssekwestra u zamm konta l-volonta' taghhom, lill-minuri, l-omm u lit-tifla ohra tal-omm minn missier iehor, u sahansitra inharget ordni ta' protezzjoni fil-konfront taghhom. Illi l-esponenti ghamel rikors li gie dekretat fit- 18 ta' Ottubru 2006, hawn anness u mmarkat Dok. C fejn il-Qorti ordnat illi l-minuri ma ikunx fil-presenza ta' GH . Minkejja dan l-ordni, xorta wahda baqa' ikun fil-presenza ta' GH u kompla jara episodji ta' vjolezna, tant lil-esponenti

kellu jaghmel rikors iehor li gie dekretat fit- 8 ta' Jannar 2018, illi fih il-Qorti gharfet illi hu izjed idoneju ghat-tifel, li jirrisjedi mal-missier.

6. Illi l-minuri ilu '1 fuq minn sentejn jirrisjedi mal-missier, jiehu hsiebu l-missier, huwa ben kurat u huwa kuntent bis-sistemazzjoni u bil-hajja li huwa illum ghandu u ghalhekk mhux fl-interess tieghu illi issa titharbatlu is-sistema.

7. Illi ma tezisti l-ebda cirkostanza gravi li ghandhom iwasslu ghall-bdil fid-d-decizjoni moghtija minn dil-Qorti diversament preseduta fid-digriet taghha tat- 8 ta' Jannar 2018 anzi kull bdil immur kontra l-interess tal-minuri.

8. Illi l-omm fil-prezent tgawdi access mil-gimgha minn wara l-iskola sal-Hadd fit- 8 ta' filghaxija. Matul il-gimgha l-minuri jirrisjedi mal-missier, fil-waqt li fis-Sajf il-minuri iqatta' gimgha ma' parti u gimgha mal-ohra, liema access ilu jigi hekk ezercitat b' dan il-mod, ferm qabel ma nghataw d-digrieti in kwistjoni u li ghalhekk m'ghandux jinbidel.

9. Illi l-missieri huwa l-genitur l-iktar idoneju sabiex ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri u sabiex il-minuri jghix mieghu u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Il-Qorti rat il-Kontro-Talba ta' DE fejn espona bir-rispett u konferma bil-gurament tieghu li :-**

1. Illi l-partijiet huma genituri tal-minuri FEC li twieled fis- 6 ta' Awwissu 2012 li llum ghandu 7 snin.

2. Illi prezentement il-kura u l-kustodja tal-minuri hija fdata f' idejn l-esponenti esklussivament, u l-minuri jirrisjedi mal-missier, salv access tal-omm u dan kif johrog mid-digriet moghti minn dil-Qorti li kopja tieghu qed tigi hawn anessa, Dok A.

3. Illi qabel dan id-digriet, ossija fit-18 ta' Ottubru, 2018, din il-Qorti diversament preseduta kienet gia' tat digriet, fejn ipprojbiet lill-minuri, milli ikun fil-presenza ta' GH. Illi dan id-digriet kien hareg waqt li dan GH li kien il-partner tal-omm kien instab hati ta' vjolenza domenstika, anki fil-konfront tal-minuri mil-Qorti tal-Magistrati ( Malta).

4. Minkejja dan l-intimata, ma obdietx l-ordni tal-Qorti tant li l-esponenti kellu jaghmel sussegwentement, rikors iehor li wassal ghad-digriet tat-8 ta' Jannar.

5. Illi l-missier huwa l-iktar parti idoneja li jkollu kura u kustodja tal- minuri kif ukoll li l-minuri jirrisjedi mieghu, kif fil-fatt qed jaghmel, dana huwa fl-ahjar interess tal-minuri.

6. Illi minkejja li l-minuri qieghed jirrisjedi mal-missier, l-intimata mhu qed thallas ebda manteniment u wisq anqas mhux qed tkopri sehem taghha tal-

ispejjez tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri. Illi mhux talli hekk, talli c-children allowance u beneficcju ohrajn tohodhom l-omm.

Ghaldastant, l-esponenti qed jitlob lil din Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li jidhirilha xierqa u opportuna taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-

1. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata esklussivament f' idejn il-missier;

2. Tordna li l-minuri jirrisjedi mal-missier, salv kull access li din l-Onorabbli Qorti joghgbha tordna favur l-omm.

3. Tiffissa s-somma li ghandha tithallas mensilment bhala manteniment ghall-minuri FEC u tordna li l-omm sabiex thallas lil-missier dik is-somma hekk iffissata dan oltre' li tordna lill-omm thallas nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni, u attivitajiet extra- kurrikulari tal-minuri.

4. Tordna illi c-childrens' allowance u kull beneficcju socjali iehor konnessa mal-minuri jibda' jigi ppercepit mil-missier.

**Il-Qorti rat ir-Rsposta ta' ABC datata 9 ta' Gunju, 2020, ghall-Kontro-Talba ta' DE:-**

1. Illi l-esponenti topponi ghal kollox illi l-kura u kustodja u residenza tal-minuri ghandha tigi affidata esklussivament f' idejn il-konvenut rikonvenzjonat. Illi kif ser jirrizulta mill-provi, il-minuri mhux qed jghix mal-konvenut rikonvenzjonat, u l-istess minuri jrid jghix mal-esponenti.

2. Illi l-esponenti dejjem hadet hsieb il-bzonnijiet kollha tal-istess minuri, nonostante li huwa mhux qed jirrisjedi maghha.

3. Illi l-esponenti kienet sfat vittima ta' vjolenza domestika mil-eks sieheb taghha GH , li llum jinsab mizmum fil-facilita' Korrettiva ta' Kordin u kien ghalhekk illi bi qbil bejniethom, il-minuri kien mar jirrisjedi temporanjament mal-konvenut rikonvenzjonat.

4. Illi l-partijiet kienu ghalhekk ftiemhu illi mal-arrest u ordnijiet ta' protezzjoni mahruga mil-Qorti komptetenti ta' GH, il-minuri jmur jirrisjedi lura ghand l-esponenti. Illi l-esponenti kienet fethet proceduri ta' medjazzjoni sabiex jsir ftehim f' dan is-sens u dan bl-istess qbil mal-konvenut. Illi di fatti, il-partijiet kienu qabblu li l-minuri jaghmel sal-ahhar tas-sena skolastika tas-sena 2018, u kif jibdew il-vaganzi tas-sajf, l-minuri jmur jirrisjedi mal-esponenti . Izda fl-ahhar mument l-konvenut biddel fehemtu, u ghalhekk l-esponenti kienet kostretta, tipprocedi b' din il-kawza.

5. Illi l-esponenti topponi ghat-tielet u raba' talba dan ghaliex hija tikkontendi li l-istess minuri ghandu jirrisjedi mal-esponenti u ghalhekk ghandha tkun hi li tippercepixxi l-manteniment u tibbenifika mill-beneficcji socjali, inkluz l-allowance tat-tfal.

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenzjonat li hu ingunt minn issa in subizzjoni.

**<u>FATTI</u>**

Il-partijiet, minkejja li gew interpellati diversi drabi sabiex jipprezentaw u jressqu l-provi, dan ma sarx.

Dina l-kawza thalliet ghas-sentenza u minhabba n-nuqqas ta' interess tal-attrici, li essenzjalment fethet dawn il-proceduri kif ukoll tal-konvenut li pprezenta kontro-talba, dina l-Qorti ser ikollha tirrespingi t-talbiet attrici, kif ukoll il-kontro-talbiet tal-konvenut.

L-ispejjes ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**